# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 11**

**Rikors numru 104/09 AGV**

**Ingrid Valenzia f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha Zack Valenzia u b'nota tat-30 ta' Lulju 2020 Zack Valenzia assuma l-atti f'ismu peress li maġġorenni**

**v.**

**Alexander Valenzia**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tal-4 ta' April 2019 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja ddeċidiet kawża ta' separazzjoni billi:

> *"Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi s-segwenti:-*
>
> *"TALBIET TAL-ATTRICI*

1. “Tikkonferma s-separazzjoni personali a mensa et thoro b’tort unikament tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta’ abbandun u offizi gravi.

2. “Tenut kont li llum C, huwa maggorenni din l-Qorti mhix se tiehu aktar in konsiderazzjoni din it-talba.

3. “Tilqa’ t-tielet talba.

4. “Tilqa’ r-raba’ talba in parte, fis-sens kif gie spjegat fis-subtitolu “Manteniment” fuq imsemmi u ghalhekk tordna lill-konvenut jibqa’ jhallas is-somma ta’ €350 fix-xahar sabiex ikopri l-ispejjeż edukattivi, kif ukoll spejjes ta’ sahha ta’ natura ordinarja, u zzid li l-ispejjes tas-sahha straordinarji ghandhom jinqasmu bin-nofs diment li C, jibqa’ jghix m’ ommu u mhux qed jaqla’ introjtu regolari. Il-konvenut ghandu jhallas ukoll ghall-arretrati kif gie deciz fil- kunsiderazzjonijiet ta’ dina l-Qorti aktar ‘l fuq.

5. “Tilqa l-hames talba u tapplika d-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal- Ligijiet ta’ Malta fl-intier tieghu biss fil-konfront tal-konvenut, tenut kont ta’ dak li gie konkluz hawn fuq.

6. “Tilqa’ s-sitt talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif spjegat aktar ‘l fuq fis-subtitolu “Komunjoni tal-Akkwisti” u tinnomina lil Nutar Edward Flores u Perit Nicholas Mallia, jekk ikun il-kaz ai fini tal-qasma.

7. “Tilqa’ s-seba’ talba in kwantu applikabbli fil-kunsiderazzjonjiet tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

8. “Tilqa’ t-tmien talba sakemm id-dar tinbiegh lil terz, jew xi wiehed mill- partijiet.

“KONTRO-TALBIET TAL-KONVENUT

1. “Tilqa’ l-ewwel talba, imma minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta’ abbandun u offizi gravi.

2. “Tenut kont li llum C, huwa maggorenni tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ dina t-talba.

3. “Tilqa’ t-tielet talba.

4. “Tichad ir-raba’ talba ghar-ragunijiet li fuq id-dekadenza dina l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha fit-talbiet tal-attrici.

5. “Tichad il-hames talba stante li dina l-Onorabbli Qorti diga’ ppronunzjat ruhha fuq dina t-talba u stante li ordnat l-istess bejgh tad-dar matrimonjali.

6. “Tilqa’ is-sitt talba in parte in kwantu diga’ llikwidat u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti fl-akkoljiment tat-talbiet tal-attrici.

> *7. "Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina s-seba' talba stante li din l-assenjazzjoni saret mal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti aktar 'l fuq.*
>
> *8. "Tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dina t-talba stante li diga' gew nominati fid-decide tat-talbiet tal-attrici.*
>
> *"Bl-ispejjez gudizzjarji kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittri tal-medjazzjoni numri 86/2008 u 1459/2008 kif ukoll mandati kawtelatorji".*

2. Mis-sentenza appellaw l-attriċi u l-konvenut permezz ta' rikorsi li ppreżentaw fl-24 ta' April 2019. Il-konvenut ma wieġibx għar-rikors tal-appell tal-attriċi filwaqt li l-attriċi wieġbet permezz ta' risposta li ppreżentat fl-10 ta' Mejju 2019.

3. Ingrid u Alexander Valenzia żżewwġu fis-16 ta' Mejju 1993, u fil-25 ta' Jannar 1995 twieled it-tifel Zack. It-tifel twieled b'kondizzjoni li ma jfiqx minnha. Illum għandu 25 sena u jgħix ma' ommu.

4. Fit-23 ta' Diċembru 2008 l-attriċi talbet li jsir proċess ta' medjazzjoni u sabiex il-Qorti tawtorizzaha tipproċedi għas-separazzjoni kontra l-konvenut. B'digriet tas-6 ta' Frar 2009 il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-attriċi sabiex tibda proċeduri ta' separazzjoni.

(A) **<u>Appell tal-attriċi</u>**.

**<u>L-ewwel aggravju – manteniment.</u>**

5. L-attriċi lmentat li:-

> *".... il-Qorti tal-prim'istanza ordnat lill-konvenut appellat sabiex iħallas is-somma ta' €350 sabiex jiġu koperti (u mhux 'jiġu inklużi') l-ispejjeż edukattivi u dan mingħajr ma ġie likwidat ammont sabiex ikopri l-ispejjeż oħra tat-tifel fosthom tal-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni. Għalhekk il-Qorti kienet żbaljata fuq punt ta' Liġi għaliex, filwaqt illi ddispensat mit-talba tal-attriċi fir-rigward tal-manteniment, naqset milli tikkonsidra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex naqset milli tkopri fl-istess kwantifikazzjoni l-ispejjeż tal-ikel, ilbies u abitazzjoni"*.

6. Fis-sentenza l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas ***"€350 fix-xahar sabiex ikopri l-ispejjeż edukattivi kif ukoll spejjeż ta' saħħa ta' natura ordinarja"***. Ordnat ukoll sabiex spejjeż ta' saħħa straordinarji jinqasmu bin-nofs bejn il-ġenituri, *"diment li Zack jibqa' jgħix m'ommu u mhux qed jaqla' introjtu regolari"*.

7. B'digriet tal-21 ta' April 2009, il-konvenut kien ordnat iħallas manteniment għall-minuri fl-ammont ta' €380 fix-xahar, u nofs l-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni u skola tal-istess u nofs l-ispejjeż mediċi li huma ta' natura straordinarja.

8. Illum il-ġurnata Zack għandu 25 sena u għalhekk kwalsiasi pretensjoni għall-ħlas ta' manteniment trid issir minnu u mhux minn ommu. Għalkemm il-kondizzjoni medika hi serja, hu kapaċi li jkun parti f'kawża u jagħmel deċiżjonijiet għalih. Għalkemm fil-mori tal-appell Zack assuma l-atti f'ismu, ir-rikors tal-appell kien preżentat biss f'isem Ingrid Valenzia. Hu veru li fil-kawża dehret bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha, iżda l-Qorti fehmet li dak kien biss minħabba l-fatt li meta saret il-kawża

kien minorenni. Mhemmx prova li Zack ġie inabilitat jew interdett. Fid-data li l-attriċi ppreżentat l-appell (24 ta' April 2019), Zack kien diġa` maġġorenni.

9. F'kull każ il-Qorti tirreferi għal konsiderazzjonijiet li ser tagħmel fir-rigward tal-aggravju tal-konvenut dwar il-manteniment li ġie ordnat iħallas għal Zack. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li ngħataw raġunijiet validi għalfejn il-manteniment għandu jkun ta' iktar minn €350, iktar u iktar meta tikkonsidra dak li ser jingħad iktar 'il quddiem.

**It-tieni aggravju – mobbli fid-dar matrimonjali**.

10. L-ilment tal-attriċi jikkonċerna mobbli fid-dar matrimonjali li ssostni li ngħataw lilha bħala dota. Spjegat li wara l-mewt tan-nanna materna tagħha nstabet *".... lista, miktuba minn missierha, illi fiha ġew elenkati l-oġġetti formanti donazzjoni ossija d-dota bil-valuri rispettivi tagħhom flimkien ma 43 irċevuti. Kontestwalment ma' dan ir-rikors tal-appell qiegħed jiġi ppreżentat rikors sabiex l-istess dokumentazzjoni tiġi ammessa stante illi hi ma kinitx taf bih, jew ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibu fiż-żmien li jmiss"*.

11. Fil-fatt l-attriċi ppreżentat ir-rikors sabiex din il-Qorti tawtorizzaha tippreżenta d-dokument. Madankollu b'digriet tat-23 ta' Mejju 2019, il-

Qorti ddeċidiet li *"ma hemmx raġuni tajba biex issir eċċezzjoni għar-regola li ma jitressqux provi ġodda fl-appell, tiċħad it-talba"*.

12. Għalhekk dan l-aggravju, bażat fuq id-dokument li l-attriċi qiegħda tikkonsidrah bħala prova, hu eżawrit għaliex bażat fuq dokument li mhemmx fl-atti wara li b'digriet tat-23 ta' Mejju 2019 din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex tippreżentah.

**<u>It-tielet aggravju – kreditu tal-konvenut</u>.**

13. L-attriċi lmentat dwar il-fatt li l-Qorti inkludiet bħala kreditu favur il-konvenut is-somma ta' Lm15,990.91 li skont il-perit legali jirrappreżenta qligħ mill-bejgħ ta' appartament f'Buġibba b'kuntratt tal-5 ta' Marzu 2003 pubblikat min-nutar Dr. Roberta Bisazza (fol. 1351).

14. Hemm qbil li dan il-fond kien proprjeta` parafernali tal-konvenut. Madankollu l-konvenuta ssostni li ma tressqitx prova li l-qligħ mill-bejgħ kien intuża għall-komunjoni tal-akkwisti. F'dan il-kuntest għamlet referenza għall-Artikolu 1331(2) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:-

> *"Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha jedd li titħallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li jkunu ttieħdu mill-beni parafernali tagħha meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti".*

15. L-attriċi argumentat li ġialadarba l-konvenut ma tax prova li l-flus intużaw għall-benefiċċju tal-komunjoni tal-akkwisti, ma kellux jingħata kreditu ta' dik is-somma.

16. L-ewwel Qorti ordnat li mill-prezz li jirċievu mill-bejgħ tad-dar, għandha titħallas lill-konvenut is-somma ta' *"Lm15,990.91, rappreżentanti l-profitt mill-bejgħ tal-appartament ġewwa Buġibba li sar permezz tal-kuntratt ippubblikat min-nutar Dottor Roberta Bisazza fil-5 ta' Marzu, 2003"*.

17. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2011, il-konvenut xehed (fol. 839):

> *"Nikkonferma illi meta żżewwiġna jien u l-mara konna ngħixu f'appartament parafernali tiegħi f'Buġibba. Dan l-appartament inbiegħ fiż-żwieġ għall-prezz ta' Lm24,000; ngħid illi qabel ma żżewwiġna jien għamilt ftehim bil-miktub mal-mara fejn hija rrinunzjat għal kull dritt fuq dan l-appartament. Dan il-ftehim ġie eżebit mal-affidavit tiegħi.*
>
> *"Ir-rikavat mill-bejgħ ġie depożitat f'kont bankarju tat-tip savings (HSBC); minn dan ir-rikavat ġie mħallas id-dejn mal-Lohombus kien fuq il-proprjeta ta' Buġibba li jien għadni kemm semmejt; dan kien dejn parafernali.*
>
> *"Ma niftakarx sew kemm kien dan id-dejn pero' eżibejt diġa l-kuntratt tal-bejgħ u fih, jekk, m'inix sejjer żball, hemm il-figura ta' dan id-dejn.*
>
> *"Mitlub nippreżenta kopja tar-rendikont tal-bank tas-savings account li jien semmejt akta 'l fuq flimkien ma' dokument li juru xi ħlas sar lil Lohombus inwieġeb illi nipprova nipprokura dawn id-dokumenti sas-seduta li jmiss......*
>
> *"Il-flus illi jiena rċevejt mill-bejgħ tal-appartament f'Buġibba u li ġew iddepożitati kif spjegat,* ***ġew użati għall-ħajja u sabiex issir extension fid-dar tan-Naxxar****. Riċevuti ta' dan l-infiq ma għandix 'l għaliex ħafna mix-xogħlijiet relatati ma' din l-extension saru mingħajr irċevuti. Nista' pero' nuri trasferimenti mill-kont bankarju savings għall-kont bankarju current li juru dan l-infiq"*.

18. Meta l-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet, fl-aħħar tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, kull ma qalet dwar il-komunjoni tal-akkwisti kien *"Illi l-esponenti tistrieħ fuq il-provi mressqa fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti"*. Fl-ebda stadju ma kkontestat dak li xehed il-konvenut dwar x'għamel bir-rikavat mill-bejgħ tal-fond f'Buġibba, u lanqas m'għamlet referenza għal xi provi li jikkontradiċu dak li kien xehed il-konvenut.

19. Kien biss fl-istadju tal-appell li qajmet id-dubju u bdiet issostni li l-konvenut kellu jagħti prova li l-flus intużaw għall-komunjoni. Għalhekk dak li xehed il-konvenut li ma jirriżultax li ġie kontradett. Dan apparti li f'affidavit li ppreżentat fil-bidu tal-kawża (fol. 134) xehdet li l-fond ta' Buġibba kien inbiegħ fl-2003, u wara li tħallas id-dejn mal-Lohombus il-bilanċ tpoġġa f'kont bankarju tal-HSBC u inxtrat dgħajsa. Dgħajsa li l-attriċi inkludiet bħala attiv tal-komunjoni tal-akkwisti (fol. 139).

20. Mill-provi rriżulta li s-somma ta' €15,190.91 kienet ġiet depożitata mill-konvenut f'kont bankarju tal-HSBC (ara Dok. AVX2 a fol. 1175) f'isem il-konvenut. Wara li l-Qorti qrat l-affidavit tal-attriċi (fol. 442) hu evidenti li dik is-somma kienet il-bilanċ li fadal mill-prezz ta' Lm24,000 wara li tnaqqset it-taxxa (Lm1,680) u tħallas il-bilanċ tas-self lil HSBC (qabel Lohombus) li kien għadu dovut (Lm7,129). Bilanċ li tħallas fil-5 ta' Marzu 2003, li hi d-data meta l-konvenut biegħ l-appartament.

21. Kieku riedet l-attriċi kellha l-opportunita` kollha li tagħmel domandi dwar il-*movements* li jidhru fir-rendikont li jinsab a fol. 1175. Dan apparti li mill-istess dokument jirriżulta li saru diversi trasferimenti ta' flus minn dak il-kont għall-kont ieħor mal-HSBC li kien miftuħ f'isem l-attriċi u l-konvenut (ara *statements* bankarji a fol. 929 *et seq*), u li kien jintuża mill-attriċi stess. In-numru ta' dak il-kont jissemma fil-kont Dok. AVX2 għal dak li jirrigwarda trasferimenti ta' flus.

22. L-aggravju hu miċħud.

**(B) <u>Appell tal-Konvenut.</u>**

**<u>Responsabbilta` għall-firda.</u>**

23. Il-konvenut ilmenta dwar dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbilta` għall-firda. Isostni li hu telaq minn Malta bil-kunsens ta' martu għal raġunijiet ta' xogħol biss f'perjodu meta r-relazzjoni fiż-żwieġ kienet tajba. Kompla li ma jagħmilx sens li l-perit legali kkonsidrah li abbanduna l-familja għas-sempliċi raġuni li mar jaħdem barra minn Malta. Filwaqt li kien jaħdem fir-Russja, kull xahar kien jibgħat il-manteniment. Żied li f'Ġunju 2008 irritorna lura lejn Malta, iżda meta mar id-dar sab li l-attriċi kienet bidlet is-serratura tal-bieb ta' barra. Dwar dan

sar rapport mal-pulizija, u minkejja d-digriet tad-19 ta' Jannar 2010 sal-lum l-appellat għadu barra mid-dar taż-żwieġ. Kompla li fir-rigward tal-ħtija bażata fuq offiża gravi, huwa qatt ma qal li martu ikkommettiet adulterju. Qal ukoll li l-offiża gravi wettqitha l-attriċi meta ħbietlu l-kondizzjoni medika li hemm fil-familja tagħha. Mhux kredibbli li saret taf biha sagħtejn wara t-twelid tat-tifel.

24. Fir-rigward tar-responsabbilta` l-ewwel Qorti qalet biss li ż-żwieġ tkisser minħabba l-abbandun tal-konvenut u għaliex it-tnejn li huma irrendew ruħhom responsabbli b'offiżi gravi. L-ewwel Qorti illimitat ruħha biex tirriproduċi partijiet mir-rapport tal-perit legali, u xejn iktar:

"*Il-Perit Legali jghid hekk:-*

***"...l-esponenti jinsab moralment konvint li hekk kif sehhew il-fatti relatati mill-attrici u inoltre mhux kontestati mill-konvenut, l-istess konvenut qatt ma kien bi hsiebu jirritorna lura fid-dar matrimonjali f'tentattiv tat-tkomplija tal-hajja konjugali. Hemm biss ikun irrizulta li l-abbandun baqa' fis-sehh b'xi tort tal-attrici, u li l-konvenut gie b'xi mod imcahhad milli jippurga l-mora konjugali tieghu.***

***F'mohh l-esponenti ghalhekk dan l-addebitu gie sufficjentement pruvat mill- attrici u li tassew jirrivesti l-azzjoni minnha proposta peress li kien proprju dan l-abbandun, kif perpetrat, li kisser iz-zwieg b'mod irrimedjabbli." (abbandun)emfazi tal-Qorti".***

"Fuq l-offiza Gravi l-Perit Legali ighid hekk:-

***"Ghaldaqstant, mill-provi akkwiziti, l-esponenti rriskontra dak li l-ligi taghraf bhala l-offiza gravi kif meqjux fil-parametri gurisprudenza, li taghha rrendew ruhhom responsabbli z-zewg kontendenti".***

25. Min-naħa tagħha l-attriċi ssostni li wara li fid-29 ta' Ottubru 2006 il-konvenut mar jaħdem ir-Russja ma' KPMG f'St. Petersburg, spiċċat

abbandunata u f'pożizzjoni fejn kellha trabbi waħedha lit-tifel Zack. Bil-mod il-mod il-konvenut beda jaqta' l-komunikazzjoni mal-attriċi, u f'Ottubru 2007 waqqaf il-manteniment ta' Lm500 fix-xahar li kien jibgħat.

26. Min-naħa l-oħra l-konvenut jakkuża lill-attriċi li meta f'Ġunju 2008 irritorna lura Malta, sab li l-attriċi kienet bidlet is-serratura tal-bieb ta' barra u b'hekk tkeċċa minn daru. Qal ukoll li martu kienet daħket bih għaliex kien biss wara t-twelid ta' Zack li qaltlu li kellha kuġin bl-istess kondizzjoni li għandu binhom.

27. Il-Qorti qrat dak li xehdu l-partijiet fl-affidavits rispettivi li ppreżentaw.

28. Għal dak li jirrigwarda l-kawżali dwar l-abbandun, il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti li bbażat fuq ir-raġunament tal-perit legali, li kiteb:

> *"52. Jirriżulta mill-atti li l-konvenut telaq minn Malta għar-Russja fid-29 ta' Ottubru 2006. Jirriżulta wkoll li dawn il-proċeduri ġew promossi fl-1 ta' April 2009 u allur aktar minn sentejn wara t-tluq mid-dar tal-konvenut.*
>
> *"Mill-assjem tal-provi jirriżulta li kien dan l-allontanament tal-konvenut li kisser għal kollox iż-żwieġ in eżami. Dan mhux tant in kwantu t-tluq innifsu, fejn jidher paċifiku li l-konvenut kellu l-barka tal-attriċi, iżda aktar in kwantu l-allontanament tal-konvenut mal-mogħdija taż-żmien li huwa qatt ġewwa r-Russja. Il-provi miġbura juru kif għall-ewwel tlett xhur li l-konvenut kien qiegħed jaħdem ġewwa r-Russja, il-kontendenti żammew kuntatt regolari, liema kuntatt beda jonqos fix-xhur sussegwenti, sakemm f'Jannar 2007, wara 'li l-konvenu żar lil missieru wara distakk ta' madwar disa' snin, il-komunikazzjoni bejn il-*

*kontendenti, tista' tgħid, mietet – l-uniku kuntatt li l-attriċi kellha kien numru ta' mobile phone Russu tal-konvenut, li kien ikun dejjem mitfi. F'Lulju tal-2007 il-konvenut wera x-xewqa li l-partijiet jipproċedu għall-firda sabiex meta rritorna Malta fi Frar 2008 huwa lanqas għex fid-dar matrimonjali mal-attriċi sabiex f'Ġunju 2008 din tal-aħħar bidlet is-sellatura tad-dar matrimonjali.*

*"Il-provi juru wkoll li l-konvenut għamel sena jibgħat lill-attriċi s-somma ta' Lm500 kull xahar sabiex din tkun a disposizzjoni tagħha u tintuża għall-ħtiġijiet tal-familja, inklużi sabiex jitħallsu djun u spejjeż rikorrenti.*

*"Minkejja l-fatt li l-esponenti jħoss li l-verżjoni tal-attriċi (li tgħid li biddlet is-sellatura tad-dar matrimonjali minħabba l-ħsara li kienet saritilha wara splużjoni fil-viċinanzi) xejn ma hi attendibbli – anke 'l għaliex din setgħet faċilment tagħti lill-konvenut kopja taċ-ċavetta l-ġdida – l-esponenti jinsab moralment konvint li hekk kif seħħew il-fatti relatati mill-attriċi u inoltre mhux kontestati mill-konvenut, l-istess konvenut qatt ma kien bi ħsiebu jirritorna lura fid-dar matrimonjali f'tentattiv tat-tkomplija tal-ħajja konjugali. Hemm biss ikun irriżulta li l-abbandun baqa' fis-seħħ b'xi tort tal-attriċi, u li l-konvenut ġie b'xi mod imċaħħad milli jippurga l-mora konjugali tiegħu"*.

29. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak ir-raġunament meta tqis li:

i. Il-konvenut ma qabadx u telaq mid-dar matrimonjali u mar jaħdem ir-Russja. Evidentement kien hemm il-kunsens tal-attriċi. Għalkemm jista' jkun li l-attriċi ma ħaditx ġost li żewġha kien ser imur jaħdem ir-Russja, pero` evidenti li ikkonvinċiha li kien ser ikollu iktar qligħ minn dak li kellu f'Malta. Il-perit legali stess ikkonkluda li meta l-konvenut mar jaħdem barra minn Malta (Ottubru 2006), ***"kellu l-barka tal-attriċi"***. Il-konvenut ma qabadx u telaq mid-dar matrimonjali. Għalhekk żgur li ma kienx hemm abbandun. Dan apparti li mir-rendikont tal-*joint account* mal-HSBC jirriżulta li kull xahar kien jiddepożita fih parti mis-salarju li kellu mill-impieg li kellu fir-Russja.

ii. L-attriċi qalet li żewġha inbidel f'Jannar 2007 meta kien qiegħed Malta għal btala tal-Milied u mar iżur lil missieru wara li kienu ilhom snin ma jitkellmux. Għalkemm jidher li fiż-żmien ta' wara r-relazzjoni ma kinitx tajba, skont l-attriċi kien f'Lulju 2007 li l-konvenut qalilha li ried

is-separazzjoni. Fil-fatt jidher li minn Awwissu 2007 il-konvenut qata' l-kuntatt minn ma' martu matul iż-żmien li kien barra minn Malta. Dan sakemm fl-aħħar tas-sena 2007 ġie Malta għall-vaganzi tal-Milied. Is-sitwazzjoni fid-dar, skont ma qalet l-attriċi, ma kienet xejn tajba u għalhekk marret toqgħod għand oħtha sakemm il-konvenut reġa' telaq lura x-xogħol fir-Russja. Sa dan iż-żmien żgur li ma kienx hemm abbandun bil-mod kontemplat fl-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili. Ma kienx hemm trapass ta' sentejn u l-konvenut ma kienx jgħix id-dar minħabba li kien jaħdem barra minn Malta. Il-perit legali stess qal li l-konvenut telaq jaħdem barra minn Malta, bil-barka tal-attriċi.

iii. Jidher ukoll li fi Frar 2008 kienet inbdiet proċedura ta' medjazzjoni. Mir-rikors ġuramentat jirriżulta li kien hemm żewġ proċeduri ta' medjazzjoni, numru 86/2008 u 1459/2008. Evidentement li fi Frar 2008 is-sitwazzjoni bejn il-konjuġi Valenzia kienet diġa` kompromessa. Għalhekk dak li ġara wara ma jidhirx li kien il-kawża tas-separazzjoni.

iv. F'Mejju 2008 il-konvenut irritorna lura jgħix Malta, u sab li kienet inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra. L-attriċi qatt ma tatu ċavetta tas-serratura l-ġdida. Għalhekk żgur ma setax jidħol lura fid-dar matrimonjali.

30. Meħud in konsiderazzjoni tal-fatti fuq imsemmija, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-abbandun kontemplat fl-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili ma jirriżultax.

31. Fir-rigward tal-offiża gravi, il-perit legali argumenta li l-konvenut kien ħati tagħha għaliex:

i. Baqa' jinsisti bl-inġurja li martu kienet ħbitlu li kuġin tagħha kellu wkoll il-kondizzjoni li għandu t-tifel.

ii. Allega li martu kienet ikkommettiet adulterju li naqas milli jissostanzja.

32. Kull parti allegat l-adulterju fil-konfront tal-parti l-oħra (ara rikors u risposta ġuramentati). Pero` ħadd minnhom ma rnexxielu jipprova l-adulterju b'mod ċar. Madankollu l-attriċi spjegat kif f'Lulju 2007 sabet messaġġi fuq il-mowbajl tal-konvenut mibgħuta minn ċertu Olga Kohpstova, fosthom wieħed bil-kliem *"kiss you all over, hope to see you in a while"*. Dwar dan il-konvenut għażel is-silenzju. L-istess ma tax spjegazzjoni tal-*printouts* li martu ppreżentat mill-paġna tal-facebook tiegħu (fol. 394 *et seq*). Hemm posts ta' *flirting* ma' nisa, u hu ċar li l-konvenut ma kienx qiegħed jitlef mill-irqad minħabba l-problemi tad-dar. Għalkemm il-konvenut saħaq li sal-aħħar baqa' jipprova jsalva ż-żwieġ, ma qal xejn li jista' jikkonvinċi lill-Qorti li dak hu l-każ.

33. Bl-istess mod il-Qorti mhijiex konvinta minn dak li qal il-konvenut li martu kienet ilha tippjana s-separazzjoni tant li kienet qiegħda tirtira ammont ta' flus minn joint account li kellhom mal-HSBC billi toħroġ ċekkijiet lill-prinċipali tagħha (Emirates u APG Supermarket). Hu veru li kien hemm perjodu meta jirriżulta li l-attriċi kienet qiegħda toħroġ ċekkijiet f'isem l-Emirates u APG (ara l-istess a fol. 617 et seq). Pero` ċ-ċekkijiet kienu kważi kollha għall-ammonti żgħar ta' flus. Ċekkijiet li jittieħdu flus

depożitati fil-*joint account* li kellhom mal-HSBC. F'dak il-kont kien jiġi wkoll depożitat is-salarju tal-attriċi mill-impieg li kellha mal-Emirates. F'dan ir-rigward il-konvenut irrefera għall-perjodu li beda f'Diċembru 2005 sa Novembru 2007. Il-provi juru li kien f'Ottubru 2006 li l-konvenut mar jaħdem barra minn Malta. Il-Qorti tqis li hu inverosimili li f'dawk ix-xhur preċedenti l-konvenut ma kienx jaf dwar il-ħruġ ta' flus mill-*joint account* li kellhom mal-HSBC. Lanqas mhemm provi li f'dak iż-żmien kien hemm inkwiet fiż-żwieġ. Il-konvenut stess fir-rikors tal-appell qal li, *"16. Hu telaq minn Malta f'perjodu fejn ir-relazzjoni tal-partijiet kienet tajba......"*. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-intenzjoni tal-attriċi kienet li tbattal kontijiet bankarji minn wara dahar il-konvenut, qabel tmexxi għas-separazzjoni. Min ikun irid is-separazzjoni u jippjana li jieħu l-flus, jaqbad u jeħodhom u mhux jagħmel kważi sentejn jieħu ftit ftit il-flus u jibqa' fl-istess post.

34. Mhemmx ċirkostanzi li jistgħu jikkonvinċu lill-Qorti li l-attriċi kellha ħsibijiet ħżiena. Pjuttost hu evidenti li l-attriċi appoġġat lill-konvenut meta wera x-xewqa li jmur jaħdem barra minn Malta, bil-konsegwenzi li dik id-deċiżjoni kien ser ikollu fuqha u t-tifel. Dan kien ifisser li l-attriċi kellha tieħu fuq spallejha r-responsabbilta` kollha ta' tifel b'diżabilita` konsiderevoli. Il-fatt stess li l-konvenut mar jaħdem ir-Russja, pajjiż 'il bogħod minn Malta, fih innifsu hu prova tal-appoġġ li l-attriċi tat lil żewġha fl-għażla li għamel. Hu evidenti li l-attriċi ma qagħditx tara l-interessi

tagħha u d-diffikultajiet li deċiżjoni bħal dik kienet ser iġġib fuqha, fis-sens li kellha tiffaċċja kollox waħedha. Hu evidenti li l-unika sors ta' għajnuna li sabet l-attriċi kien mingħand il-ġenituri li bis-saħħa tagħhom kien possibbli li tkompli taħdem u taqla' l-għixien għall-familja. Filwaqt li l-attriċi aċċettat li tagħmel is-sagrifiċċji li kien hemm bżonn sabiex il-konvenut imur jaħdem barra minn Malta, ma kellhiex tiġi trattata b'dak il-mod. Għall-Qorti hu evidenti li l-konvenut ma riedx ikompli bil-*commitment* taż-żwieġ u għażel triq differenti. Wara dak li għamlet l-attriċi sabiex ikun jista' jmur jaħdem barra minn Malta, ma kienx jixirqilha tgħaddi minn dak li għaddiet minnu bil-problema li ġġib magħha l-firda.

35. Hu fatt li l-konvenut baqa' jinsisti li martu ingannatu meta qabel iż-żwieġ u t-twelid tat-tifel ma qaltlux li kuġin kellu l-istess kondizzjoni. Pero` jekk hu veru, dik żgur ma kinitx ir-raġuni għalfejn iż-żwieġ tkisser. Zack twieled fis-sena 1997. Dan apparti li jekk l-attriċi ingannat lill-konvenut, il-Qorti kienet tippretendi li l-konvenut jieħu l-passi fiż-żmien rilevanti u mhux joħroġ biha snin wara li sar jaf. Saħanistra, għalkemm beda kawża għall-annullament taż-żwieġ u semma dak il-fatt fl-affidavit li ppreżenta f'dik il-kawża, il-perit legali irrapporta li l-konvenut kien ċeda l-kawża ta' annullament (ara fol. 13 tar-rapport tal-perit legali).

36. Il-Qorti ma tistax temmen li l-konvenut kien il-vittma li pprova jpinġi lilu innfisu li hu. L-attriċi baqgħet waħedha hawn Malta tfendi għaliha u

għal binha, bl-appoġġ biss tal-ġenituri tagħha. Hu ovvju li l-attriċi ma kellhiex ħajja faċli fil-perjodu li l-konvenut kien qiegħed jaħdem barra minn Malta. L-aħħar ħaġa li kellha bżonn kien l-inkwiet fiż-żwieġ, bir-riperkussjonijiet kollha li ġab miegħu. Apparti li kellha taħdem kellha tieħu ħsieb Zack meta kien għad għandu tnax-il sena. Id-dettall li bih spjegat dak li ġara minn Jannar 2007 'il quddiem, jagħmel il-verżjoni tagħha kredibbli. Kieku ried il-konvenut kellu kull opportunita` li jirribatti punt punt dak li xehdet l-attriċi. Pero` m'għamlux. Wara li l-Qorti qrat l-atti, mingħajr eżitazzjoni tgħid li waqt il-kawża l-prijorita` tal-konvenut kienet il-komunjoni tal-akkwisti u l-ispejjeż li l-attriċi kienet qiegħda tippretendi mingħandu u li jikkonċernaw it-tifel. Għalkemm fis-seduti tas-16 ta' Jannar 2014 u tal-25 ta' Frar 2014 sar kontro-eżami tal-attriċi, żgur li ma serviex biex inissel dubju dwar il-kredibilita` tagħha (ara fol. 547 *et seq*.).

37. Fiċ-ċirkostanzi mingħajr eżitazzjoni l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien il-kaġun prinċipali għalfejn iż-żwieġ tkisser.

**<u>Dekadenza.</u>**

38. Il-konvenut argumenta li s-sanzjoni tad-dekadenza kellha tiġi applikata wkoll fil-konfront tal-attriċi.

39. L-ewwel Qorti straħet fuq dak li rrelata l-perit legali li qal:

> *"In linea mal-konklużjonijiet milħuqa mill-esponent u b'żieda mal-istess qiegħed jiġi rakkomandat illi: id-dispost tal-Art. 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi applikat fl-intier tiegħu biss fil-konfront tal-konvenut".*

40. Il-konvenut isostni li l-Qorti tista' tapplika l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili biss *"... jekk jirriżultalha li waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikoli 38 jew 41 huma sodisfatti"*. Il-konvenut żbaljat. F'każ ta' abbandun jew adulterju, id-dekadenza hi *ex lege*. F'każ ta' raġunijiet oħra, id-dekadenza hi mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti (Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili).

41. Il-Qorti wara li kkunsidrat dak li xehdet l-attriċi b'mod dettaljat u minn xiex kellha tgħaddi irrispettivament mill-fatt li ser tiddikjara li l-konvenut mhuwiex responsabbli għas-separazzjoni minħabba abbandun, m'għandha l-ebda dubju li d-dekadenza fil-konfront tiegħu hi ġustifikata.

**<u>Manteniment għat-tifel Zack u spejjeż</u>**.

42. Il-konvenut ilmenta li għalkemm ibnu għandu diżabilita`, b'daqshekk ma jfissirx li mhuwiex kapaċi jmantni lilu innifsu. Kompla li minn dak li xehed fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 kien irriżulta li hu attiv fl-isports u għandu l-ambizzjonijiet tiegħu. Dan apparti li hemm provi li hu kapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu u jieħu deċiżjonijiet waħdu. Inoltre, b'seħħ mid-29 ta' Jannar 2011 beda jirċievi pensjoni ta' diżabilita` fl-

ammont ta' €105.52 kull ġimgħa, bonus ta' €135.10 kull sitt xhur, u żieda għall-għoli tal-ħajja. Dan apparti li jista' jaħdem u jaqla' l-paga minima nazzjonali mingħajr ma titnaqqaslu l-pensjoni. Argumenta wkoll li ibnu ma jistax jiġi paragunat ma' persuna li ma tistax tmantni lilha innifisha. Saħansitra b'digriet mogħti fis-16 ta' Novembru 2017 il-Qorti issospendiet il-manteniment li kien qiegħed iħallas għall-ibnu.

43. Fis-sentenza l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment fl-ammont ta' *"€350 fix-xahar sabiex ikopri l-ispejjeż edukattivi, kif ukoll spejjż ta' saħħa ta' natura ordinarja"*. Il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili u osservat:-

> *"Huwa car, li b'din id-disposizzjoni tal-ligi, il-legislatur ried li l-obbligu tal-manteniment, f'kaz ta' ulied affetti minn dizabilita' ma huwiex cirkoskritt bl-eta', bl-uniku fattur determinant jkun it-test impost mil-ligi ta-possibilita' tal-wild li jmantni lilu nnifsu.*
>
> *"Inoltre, l-Artikolu 2 tal-Kap.413 tal-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b'Dizabilita' jiddefinixxi **"dizabilita'"** bhala nuqqas fiziku, mentali, intelletwali jew sensorju ghal zmien twil li flimkien ma' ostakli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tippartecipa b'mod shih u effettiv fis-socjeta' b'mod ugwali daqs l- ohrajn.*
>
> *"M'hemmx dubju li C jbati mill-kundizzjoni ta' .......... u li jaqa' taht id-definizzjoni kif fuq citata. Minkejja li gie deskritt bhala zaghzugh li huwa pjuttost indipendenti u li ghandu l-ambizzjonijiet tieghu, ghax kompla jistudja u jattendi l-basketball, ghandu l-limitazzjonijiet tieghu. Jehtieglu jiehu anitbiotici regolarment, ghandu bzonn juza' c-chairlift u in generali dejjem ibati mill-kliwi, minhabba li l-kundizzjonijiet tieghu ma jippermettulux li jnehhi l-likwidi mis-sistema tieghu........*
>
> *"Mill-provi jirrizulta li C ghadu jghix m'ommu u minkejja li hemm element ta' indipendenza, peress li mentalment ma tezisti ebda dizabilita', ugwalment jinnecessita' l-ghajnuna u dipendenza fuq ommu u ghalhekk isir kompitu ardwu li jimpjiega ruhu u s'intendi jmantni lilu nnifsu.*

> *"Ghalhekk dina l-Qorti se jkollha taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali fejn minkejja li C, illum huwa maggorenni, peress li ghadu jghix m'ommu u fejn il-bzonnijiet tieghu jmorru oltre l-bzonnijiet bazici ta' minuri jisthoqq li l- intimat jikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu, diment li C jibqa' jghix m'ommu u mhux qed jaqla' introjtu regolari.*
>
> *"Il-Qorti issa trid tasal biex tikkwantifika l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghal C. Primarjament, ghandu jigi pprecizat illi dan tal- ahhar jircievi pensjoni ta' disabilita' b'effett mid-29 ta' Jannar, 2011 fl-ammont ta' €102.52 fil-gimgha, bonus ta' €135.10 kull sitt xhur u zidiet tal-gholi tal-hajja. Inoltre, huwa jista' jahdem u jaqla' sabiex jibqa' intitolat, sal-massimu tal-paga minima nazzjonjali. La darba jizboq il-paga minima nazzjonali, il-quantum tal- pensjoni jonqos pro rata.*
>
> *"Il-Perit Legali accenna ukoll ghal fatt li l-kontendenti t-tnejn dejjem hadmu u kellhom diversi impjiegi b'paga differenti, izda mis-sottomissjonijiet taghhom, ikkonfermaw li l-impjieg prezenti taghhom huwa tar-rikorrenti mal-Good Earth Limited b'paga netta ta' €1,080 fix-xahar, filwaqt l-intimat huwa impjegat ma' A+A Assurance Services Limited huwa jippercepixxi salarju ta' €2,200 gross fix-xahar.*
>
> *"Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, taqbel ukoll mar-rakkomandazzjonijiet tal- Perit Legali, li l-ammont ta' €350 fix-xahar sabiex ikopri l-ispejjes edukattivi, kif ukoll spejjes ta' sahha ta' natura ordinarja, u zzid li l-ispejjes tas-sahha straordinarji ghandhom jinqasmu bin-nofs".*

44. B'digriet mogħti fil-21 ta' April 2009 l-ewwel Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment fis-somma ta' €350 kull xahar flimkien ma' nofs l-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni u skola, kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa li jkunu ta' natura straordinarja.

45. Jirriżulta li b'digriet tat-30 ta' Mejju 2013 (fol. 493A) l-istess Qorti kienet ordnat li l-manteniment kellu jibqa' jitħallas mill-konvenut:-

> *".... sakemm l-imsemmi Zack Valenzia jkompli jirrisjedi mal-attriċi u jsegwi kors ta' studju full-time u sakemm jagħlaq tlieta u għoxrin sena, u dan b'effett mill-25 ta' Jannar 2013".*

46. Fis-sentenza l-ewwel Qorti m'għamlitx referenza għad-digriet li l-istess Qorti kienet tat fis-16 ta' Novembru 2017 li bih issospendiet il-manteniment għal Zack.

47. Skont l-Artikolu 3B(2) tal-Kodiċi Ċivili *"fejn **ma jkunx raġonevolment possibbili** li l-ulied, jew min minnhom, imnantnu lilhom infushom kif xieraq"*, il-ġenituri għandhom obbligu li jmantnu lil dawk l-ulied li jkollhom diżabilita` kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet għal Persuni b'Diżabilita`, kemm jekk fiżika jew mentali. F'dik il-liġi (Kap. 413) il-kelma diżabilita` hi mfissra bħala:

> *"nuqqas fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju għal żmien twil li flimkien ma' ostakli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà b'mod ugwali daqs l-oħrajn"*

48. Mhemmx dubju li Zack hu wild b'diżabilita` kif imfissra f'Kap. 413.

49. Il-konvenut ma jridx imantni lil ibnu għaliex isostni li hu kapaċi jsib xogħol u jaħdem. Waqt it-trattazzjoni li saret fil-25 ta' Ġunju 2020, fuq domanda tal-Qorti l-attriċi iddikjarat li Zack qatt ma ħadem. Mhemmx dubju li min għandu l-kondizzjonijiet ta' Zack, għandu limitazzjonijiet f'dak li jista' jagħmel. Dan apparti li f'ċertu affarijiet li jagħmel hu dipendenti fuq ħaddieħor. Hemm ukoll limitazzjonijiet dwar it-tip ta' xogħol li jista' jagħmel. Minn dak li fehmet il-Qorti waqt it-trattazzjoni, jidher li fil-preżent ukoll Zack mhuwiex jieħu inizjattiva sabiex isib xogħol.

50. Il-flus li Zack jirċievi mingħand il-Gvern ċertament mhumiex biżżejjed sabiex jgħix ħajja diċenti u indipendenti.

51. Hu dnub li ma teżisti l-ebda relazzjoni bejn il-konvenut u ibnu. Skont Zack, fl-2010 kien iddeċieda li jaqta' kull kuntatt ma' missieru (fol. 545).

52. Fil-liġi mhemmx definizzjoni tal-kliem *"raġonevolment possibbli"*, li pero` hu grad inqas minn probabbli. Il-perit legali f'paragrafu 79 tar-rapport kiteb:

> *"79. Ma hemmx assolutament ebda dubju li Zack Valenzia huwa affett minn diżabilita', liema diżabilita' taqa' taħt id-definizzjoni fuq riportata.* ***Lanqas ma hemm provi fl-atti li juru li huwa raġonevolment possibbli li l-istess Zack Valenzia jmantni lilu nnifsu****. Iben il-kontendenti, li jgħix flimkien ma' ommu l-attriċi huwa għalhekk intitolat li jirċievi manteniment mingħand il-konvenut"*.

53. Fil-fehma tal-Qorti l-perit legali applika l-liġi b'mod żbaljat. Hu min jippretendi l-manteniment illi jrid iġib il-prova il *"mhux raġonevolment possibbli"* li jmantni lilu innifsu.

54. Fis-sentenza l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza antika, fosthom sentenza tal-10 ta' Novembru, 1877. Pero` s-sentenzi li rreferiet għalihom l-ewwel Qorti mhumiex ta' għajnuna għall-każ tal-lum, peress li l-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili kien introdott bl-Att XIV tas-sena

2012. Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar il-manteniment kellha tkun ibbażata fuq dik id-dispożizzjoni u mhux sentenzi antiki.

55. L-ewwel Qorti kkonkludiet li peress Zack għandu bżonn l-għajnuna u dipendenza fuq ommu, *".... isir kompitu ardwu li jimpjiega u s'intendi imantni lilu nnifsu"*. Imbagħad qalet li taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali.

56. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel Qorti meta tqis li:-

i. Ma jirriżultax li Zack hu dipendenti kontinwament fuq l-attriċi, li rriżulta li għandha impieg;

ii. L-ewwel Qorti stess ikkonkludiet li *"hemm element ta' indipendenza, peress li* ***mentalment ma teżisti ebda diżabilita****"*. Fir-rapport stess li għamlet il-psikologa Melissa Agius fis-sena 2010 (fol. 266) meta Zack kellu 15-il sena, jingħad: *"Zack is 15 years old and has a good head on his shoulders and should be able to take certain decisions for himself......"*;

iii. Ma ntweriex bi provi, inkluż provi mediċi, li Zack mhuwiex fiżikament kapaċi jaħdem u jmantni lilu innifsu. Kif kien hemm żmien meta Zack kompla jistudja jista' wkoll ifittex xogħol u jaħdem.

57. Il-Qorti ma tipprospettax li Zack ser jirnexxielu jsib xogħol mil-lum għall-għada. Sfortunatament għalih ma jirriżultax li kompla jistudja minkejja li l-provi jindikaw li hu kapaċi jekk irid. Sabiex jagħmel il-pass sabiex jibda jaħdem, ibda biex, mentalment irid iħejji lilu nnifsu biex jidħol fid-dinja tax-xogħol. Dan mhux ser ikun faċli jekk l-atteġġjament tiegħu hu li ma jridx jaħdem. Pero` minkejja d-diżabilta` serja li għandu, hemm bżonn li jemmen fih innifsu u jibda jfendi għal rasu. Illum l-opportunitajiet huma varji, u hawn employers li joffru wkoll il-faċilita` li wieħed jaħdem bit-*teleworking*. Sfortunatament għalih hu ovvju li missieru m'għandux pjaċir li jkompli jmantnih. Dan jirriżulta wkoll ċar mill-insistenza tal-konvenut li ma jħallasx spejjeż relatati max-xiri ta' wheelchair, meta l-konvenut jaf li dak hu l-apparat li jagħti l-mobilita` lil ibnu. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-pożizzjoni li ħa l-konvenut, pero` dik hi r-realta`, u l-Qorti jkollha tiddeċiedi skont il-liġi u mhux l-emozzjonijiet.

58. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tvarja s-sentenza u ser tordna li l-konvenut jibqa' jmantni lil ibnu sal-aħħar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), inkluż nofs l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa. Issa jispetta lil Zack li jieħu r-riedni f'idejh u jagħmel sforz biex jieħu l-indipendenza u

juri lil missieru li minkejja d-dizabilta` serja, irnexxielu jvinċi d-diffikultajiet u qed jaqla' l-għixien tiegħu. Ovvjament mhemmx garanzija li ser jirnexxielu, iżda jekk ma jipprovax mhux ser ikun magħruf. Dan ma jfissirx li b'daqshekk il-konvenut hu eżonorat għal dejjem mill-obbligu ta' manteniment għal ibnu. Sitwazzjoni li tevolvi skont iż-żminijiet tenut kont id-diżabilita` li jbati minnha Zack.

59. Għaldaqstant sal-aħħar ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), il-konvenut għandu jibqa' jħallas lill-ibnu s-somma ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) kif ordnat mill-ewwel Qorti, inkluż nofs l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa.

60. Ilment ieħor tal-konvenut hu dwar is-somma ta' €2,658.77 u €15,679.48 li l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi. Tal-ewwel jirreferu għall-spejjeż ta' saħħa ta' natura straordinarja. Fir-rigward tat-tieni ammont skont is-sentenza tal-ewwel Qorti huma *".... nofs l-ispejjeż kollha reklamati mir-rikorrenti għall-perjodu bejn Mejju tas-sena 2009 u Diċembru 2016"*.

61. Mis-somma ta' €2,658.77 il-konvenut ilmenta li €1,571.36 ma kinitx spiża straordinarja għaliex kient tirreferi *"..... għal safra li l-appellata għamlet ma' Zack Valenzia indikata fix-xhieda bħala 'Luxol Basketball Trip'. Jiġi sottomess li din kienet ġita li ħarġet biha l-appellata u mhijiex*

*relatata mal-iskola"*. Il-konvenut qiegħed isostni li għalkemm it-tifel kellu l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex isiefer, il-Qorti m'ordnatx li l-ispejjeż jitħallsu mill-ġenituri.

62. Bid-digriet tal-21 ta' April 2009 (fol. 111) l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €380 bħala manteniment għal Zack, *"..... oltre nofs l-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni u skola tal-istess minuri kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' natura straordinarja relatati mas-saħħa tal-minuri"* (fol. 111). Imbagħad b'digriet tat-30 ta' Mejju 2013 (fol. 494) l-istess Qorti ordnat li l-manteniment għandu jitħallas *"..... sakemm l-imsemmi Zack Valenzia jkompli jirrisjedi mal-attriċi u jsegwi kors ta' studju full-time u sakemm jagħlaq tlieta u għoxrin sena, u dan b'effett mill-25 ta' Jannar 2013"*.

63. Fil-fehma tal-Qorti s-safra li rrefera għaliha l-konvenut tista' taqa' fil-kategorija ta' edukazzjoni. Li t-tfal jagħmlu *sport* u jipparteċipaw hu parti mill-edukazzjoni tagħħhom. L-edukazzjoni tat-tfal mhijiex biss il-kotba u ġewwa l-skola. Fin-nota ta' sottomissjonijet (fol. 1938) il-konvenut argumenta li jekk dik l-ispiża kellha titqis bħala straordinarja, *"naslu fi stat fejn kull kapriċċ jista' jitqies li huwa spiża straordinarja"*. Is-safra ma kinitx kapriċċ u l-Qorti ma tistennix li missier jirraġuna b'dak il-mod.

64. Il-fatt li fid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2011 (fol. 337), li bih ingħatat l-awtorizazzjoni sabiex il-minuri isiefer, ma ssemmewx l-ispejjeż tal-vjaġġ, ma jbiddel xejn. Digriet li ngħata b'referenza għar-rikors tat-8 ta' Ġunju 2011 li bih l-attriċi sempliċement talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza l-ħruġ ta' passaport għat-tifel biex ikun jista' jsiefer.

65. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-attriċi għandha jedd tirkupra nofs l-ispejjeż mingħand il-konvenut a bażi tad-digriet tal-21 ta' April 2009.

66. Imbagħad il-konvenut għadda biex jgħid x'inhuma l-oġġezzjonijiet tiegħu b'referenza għas-somma ta' €15,679.48.[1] L-istess argumenti diġa` saru fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenut ippreżenta fl-ewwel Qorti. Madankollu l-ewwel Qorti ma kkummentat xejn dwar l-oġġezzjonijiet, u sempliċement qalet li taqbel ma' dak li qal il-perit legali fir-rapport addizzjonali. Kien ċertament ikun floku li l-ewwel Qorti tikkonsidra l-oġġezzjonijiet kollha tal-konvenut u tagħti raġuni ċara għalfejn ma taqbilx. Il-kliem li l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-perit legali, mhijiex motivazzjoni suffiċjenti. Dan iktar u iktar meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tqajmu oġġezzjonijiet għall-konklużjonijiet li kien għamel il-perit legali. L-ewwel Qorti kellha d-dmir li tikkonsidra kull wieħed mill-ilmenti li jissemmew fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut u mhux

[1] €17,269.48 (nofs l-ispejjeż kollha li ippretendiet l-attriċi bejn **Mejju 2009 u Diċembru 2016**) -

taqta' fil-qasir billi tgħid li l-perit legali wasal *"..... għas-segwenti konklużjonijiet, ma' liema dina l-Qorti qed taqbel...."*.

67. Fir-rigward ta' spejjeż mediċi, il-konvenut argumenta li l-parti l-kbira ta' riċevuti *"62..... ma huma sopportati minn ebda prova tan-neċessita tagħhom"*. L-attriċi ppreżentat ir-riċevuti ta' ħlasijiet li għamlet meta xtrat mingħand spiżerija. Għalkemm ma kull riċevuta ta' xiri ta' mediċina ma jidhirx li ġiet preżentata riċetta ta' tabib, ma jfissirx li l-mediċini ma nxtrawx għat-tifel iktar u iktar meta tikkonsidra l-kondizzjonijiet mediċi serji li jbati minnhom.

68. Fir-rigward ta' spejjeż ta' *home visits* minn tabib (€1,721.94), il-konvenut jilmenta li ma ppreżentatx riċetti tat-tabib sabiex jiġġustifikaw l-ammont ta' riċevuti li ppreżentat. Wieħed irid jiftakar li l-ispejjeż li talbet l-attriċi jirreferu għall-kura li ngħatat lil Zack fuq medda ta' snin. L-attriċi ppreżentat riċevuti ta' ħlas lit-tabib għall-*home visits*. Il-fatt li ma kull riċevuta ta' ħlas li għamlet lit-tabib ma ppreżentatx kull darba riċetta tat-tabib għax-xiri ta' mediċini, ma jfissirx li l-Qorti għandha tiddubita minn dak li xehdet l-attriċi jew li ma saritx prova li l-vista tat-tabib ma saritx jew ma kinitx għal Zack.

69. Il-konvenut għamel riferenza għal dak li xehdet l-attriċi:-

*"L-ispejjeż mediċi riżultanti minn dan id-dokument mhumiex akkumpanjati minn riċetta tat-tabib 'l għaliex l-ispiżjar tant jafu sew il-każ ta' Zac illi ma jkollix għalfejn noqgħod nieħu t-tifel għand tabib għal riċetta"*.

70. Għalkemm kif qal il-konvenut mhux suppost li spiżjar ta mediċina mingħajr riċetta, b'daqshekk ma jfissirx li l-mediċina ma inxtratx. Jidher li l-attriċi kienet tinqeda mingħand l-istess spiżerija. Għalhekk dak li xehdet isir iktar kredibbli. Fil-fatt l-attriċi qalet (fol. 1907):

*"Mistoqsija kif wieħed jista' jikkonstata jekk dawk l-irċevuti mediċi verament jirriferux għal Zack, ngħid li Zack għandu l-kundizzjoni .......; kull min ibati minn din il-kundizzjoni jbati ħafna mill-kliewi. Prattikament, it-tifel kull tliet xhur ikollu jieħu kors antibiotics. Fil-fatt l-irċevuti jirreferu spiss għall-istess antibiotics"*.

71. Verżjoni li ma ġietx kontradetta. Ovvjament l-attriċi żgur li taf x'inhuma 'l bżonnijiet ta' Zack ġialadarba tieħu ħsiebu filwaqt li m'hemm l-ebda kuntatt bejn Zack u l-konvenut.

72. Il-konvenut ilmenta wkoll dwar is-somma ta' €280 miżata tal-MMDNA, għaliex isostni li mhijiex spiża straordinarja ta' saħħa. Il-Qorti ma taqbilx għaliex hi spiża li jkollha ssir minħabba l-kondizzjoni li jbati minnha t-tifel.

73. Fir-rigward tal-*health insurance* tal-BUPA, il-Qorti tasal biex taqbel mal-konvenut meta tqis li llum il-ġurnata li tinxtara *health insurance* għal wild mhijiex spiża straordinarja ta' saħħa. Mill-kalkoli li għamlet il-Qorti skont ir-rendikont li ppreżentat l-attriċi (fol. 1411-1443), fil-perjodu bejn Mejju 2009 u Diċembru 2016 l-ispejjeż li inkludiet l-attriċi fir-rigward tal-

polza ta' assikurazzjoni għal Zack, l-ispiża totali kienet ta' €2,039.56 b'sehem li tippretendi mingħand il-konvenut ikun ta' €1,019.78.

74. Għalkemm il-konvenut jippretendi li ċertu spejjeż kellhom jiġu koperti mill-*health insurance*, hu ferm ironiku kif fl-istess nifs jippretendi li ma jħallasx sehmu mill-ispejjeż għall-BUPA *health insurance*. F'kull każ fil-fehma tal-Qorti l-ispejjeż li rrefera għalihom huma ta' natura straordinarja għaliex relatati ma' kura meħtiega minħabba l-kondizzjoni medika li għandu Zack. Inoltre, l-attriċi spejgat għalfejn ma tagħmilx *claim* kull darba li jsiru spejjeż ta' saħħa.

75. Il-konvenut ilmenta wkoll dwar l-ispiża ta' €3,158 għax-xiri ta' *wheelchair* ġdida, u qal li saret fi żmien meta l-attriċi kellha obbligu legali li tikkonsulta miegħu. Għal Zac *wheelchair* hi essenzjali għall-mobbilita` tiegħu. Ma jirriżultax lill-Qorti li kien hemm digriet li kellha tikkonsulta mal-konvenut qabel tixtriha. F'kull każ il-Qorti ma tifhimx kif il-konvenut jippretendi li l-attriċi kellha tikkonsultah jekk spiċċa kull kuntatt bejniethom. Dan apparti li jirriżulta wkoll li l-attriċi applikat lill-KNPD għall-għajuna finanzjarja, li ngħatat. Għalhekk is-somma mitluba hi biss parti mill-prezz għax-xiri tal-*wheelchair*.

76. Ilment ieħor hu dwar is-somma ta' €4,228.07 b'referenza għall-miżata tal-iskola St. Michael Foundation. Il-konvenut jilmenta li l-attriċi

ma ppreżentatx ir-riċevuta tal-ħlas u li fir-realta` ma tħallsux. St. Michael Foundation kienet qiegħda toħroġ il-kontijiet sabiex jitħallsu u l-attriċi kkonfermat li l-ħlas sar. L-attriċi ppreżentat ukoll nota ġuramentata (fol. 1875) fejn spjegat l-ammont li kienu dovuti u l-ħlasijiet li saru. Ippreżentat ukoll rendikont maħruġ minn St. Michael Foundation (fol. 1877) li fih hemm spjegat xi ħlasijiet saru u x'fadal jitħallas. L-attriċi saħansitra qalet liema mill-pagamenti saru minn ommha, li fil-fatt tnaqqsu mill-ewwel Qorti mill-ammont li għandu jħallas il-konvenut.

77. Il-konvenut qajjem ukoll kwistjoni dwar *private tuition* għas-somma ta' €6,082.20. Isostni li l-appellata mhijiex kredibbli meta,

> *"tgħid li ħadd mill-għalliema ma riedu jagħtuha riċevuta (fatt li anke statistikament ma jagħmilx sens). Il-liġi tal-Value Added Tax tobbliga kull persuna li jagħti servizz biex joħroġ irċevuta fiskali. Illi di piu, hija tonqos milli ssemmi min huma dawn l-istess għalliema ! Illi fi kwalunkwe każ, jibqa' l-fatt li anke jekk stess, għall-argument biss, dawn il-flus tassew tħallsu mill-appellata mingħajr ma hemm riċevuta fiskali xi tkoprihom, dawn il-pagamenti jammontaw għal kawża illeċita u dina l-Qorti qatt ma tista' tieħu konjizzjoni tagħhom"*.

78. Mid-dokumenti li ppreżentat l-attriċi (ara 1411 *et seq.*) ma jirriżultax li ppreżentat riċevuta tal-ħlasijiet li tgħid li saru għal 'private tuition'. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2017 xehdet (fol. 1908):

> *"Mistoqsija ngħid fejn huma l-irċevuti dwar l-ispejjeż tal-privatijiet tat-tifel, ngħid li l-għalliema tal-privat ma ridux jagħtuni riċevuta. Dan apparti l-fatt li ħafna mill-għalliema kienu ħbieb tiegħi u tal-konvenut"*.

79. Ir-rikorrent għandu raġun jilmenta. Ġialadarba l-attriċi tippretendi li l-konvenut kellu jħallas sehmu minn dawk l-ispejjeż, kellha tippreżenta kopja tal-istess jew tħarrikhom bħala xhieda. Mhijiex raġuni valida li jingħad li l-għalliema ma riedux jagħtu riċevuta. Kien fl-interess tal-attriċi, jekk riedet tieħu lura l-ħlas mingħand żewġha li tingħata riċevuta kull darba li ħallset.

80. Għaldaqstant, għandha titnaqqas is-somma ta' €3,041.[2]

81. Għaldaqstant, tilqa' biss l-ilment dwar l-ispejjeż relatati mal-*health insurance* u *private tuition*. B'hekk l-ammont dovut mill-konvenut hu ta' ħdax-il elf sitt mija u tmintax-il ewro u sebgħin ċenteżmu (€11,618.70).[3]

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

82. Il-konvenut appella wkoll fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li meta tinbiegħ id-dar taż-żwieġ, mir-rikavat għandu jitħallas is-self li l-konjuġi Valenzia kienu ħadu mingħand il-ġenituri tal-attriċi fl-ammont ta' €46,600 (ara skrittura datata 12 ta' Ottubru 1995, Dok. JG3 a fol. 1216). Illum il-konvenut qiegħed isostni li dak id-dejn hu preskritt skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

---

[2] €6,082/2 = €3,041.

[3] €15,679.48 - €1,019.78 - €3,041 = €11,618.7.

83. L-attriċi wieġbet:-

*"10) Fil-paragrafu 71, il-konvenut appellant jeċepixxi l-preskrizzjoni fir-rigward tal-ammont ta' €46,600 rappreżentanti self mogħti lil kontendenti mill-ġenituri tal-attriċi appellata. Jiġi umilment sottomess illi dan l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti kienet waħda ta' assenjazzjoni mhux pronunzjament ossia deċiżjoni dwar jekk l-ammont in kwistjoni huwiex dovut o meno. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhijiex f'lokha; għandha, se mai, titqajjem jekk/meta l-kreidturi fl-ammont surriferit jittentaw illi jenforzaw il-kreditu tagħhom"*.

84. Mill-provi ma rriżultax li seħħet l-estinzjoni tad-dejn. Madankollu l-konvenut isostni li l-jedd tal-azzjoni tal-ġenituri tal-attriċi hu preskritt. Materja li ma tistax tiġi deċiża f'din il-kawża ġialadarba l-ġenituri tal-attriċi mhumiex parti fil-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti ma kellhiex tordna li mir-rikavata tal-bejgħ tad-dar għandu jitħallas l-ammont li l-ġenituri tal-attriċi kienu sellfuhom. Dik hi materja li tibqa' impreġudikata bejn il-partijiet u l-ġenituri tal-attriċi.

85. Il-konvenut ilmenta wkoll minn dik il-parti tas-sentenza li biha l-Qorti ordnat li mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar:

*"b) Il-konvenut għandu jirrintegra fil-komunjoni s-somma ta' Lm7,631.84 ossia €17,782.19 rappreżentanti flejjes imħallsa tul iż-żwieġ kontra self illi l-intimat kien ottjena għall-akkwist tal-proprjeta ġewwa Buġibba"*.

86. Isostni li d-dejn fuq il-fond f'Buġibba li xtara qabel iż-żwieġ:-

*"73...... saru fil-gran maġġioranza tagħhom Mejju 1993 u ċioe' d-data taż-żwieġ tal-partijiet. Illi kif jirriżulta mill-istatements ppreżentati minn fol 460 sa fol 471, wara d-data taż-żwieġ l-esponenti għamel 104 pagament ta' Lm70 il-wieħed, pagament ta' Lm32 u pagament ta' Lm4.00 li b'kollox jammontaw għal Lm7,316 (€17,041.70). Illi sehem l-*

> *appellata huwa ta' nofs dan l-ammont, ċioe ta' €8,520.85 u mhux ta' Lm7,631.84 ossia €17,782.19 kif erronjament iddikjarat mill-Ewwel Qorti".*

87. L-ewwel Qorti ddeċidiet li qabel ma jinqasam bejn il-kontendenti l-kumplament tar-rikavat tal-bejgħ:

> *"b) Il-konvenut għandu jirrintegra fil-komunjoni tal-akkwisti s-somma ta' Lm7,631.84 ossia €17,782.19 rappreżentanti flejjes imħallsa tul iż-żwieġ kontra self illi l-intimat kien ottjena għall-akkwist tal-proprjeta ġewwa Buġibba".*

88. Mill-kalkoli li għamlet din il-Qorti l-pagamenti li saru waqt iż-żwieġ kienu 106 ta' Lm70 kull wieħed, Lm32, Lm21.84 u Lm4 b'total ta' Lm7,478 (€17,419) (ara statements a fol. 465-471). Dak hu l-kreditu li l-komunjoni tal-akkwisti għandha fil-konfront tal-konvenut personalment. Ovvjament minn dik is-somma l-konvenuta għandha jedd tirkupra biss l-ammont ta' **€8,709.50**. B'dak li qalet il-Qorti, ma kienx ser iwassal sabiex il-konvenuta tirċievi s-somma ta' €17,782.19 iżda nofshom. Għalhekk l-ilment sar bla bżonn għalkemm hemm lok li jkun hemm varjazzjoni fl-ammont.

**<u>Spejjeż tal-kawża.</u>**

89. Fl-aħħar aggravju l-konvenut argumenta li fl-eventwalita` li din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu, il-kap tal-ispejjeż għandu jirrifletti tali fatt.

90. Wara l-konsiderazzjonijiet li għamlet, il-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjeż tal-ewwel stadju għandhom jibqgħu a karigu tal-konvenut. Għalkemm l-attriċi nstabet ukoll ħatja ta' offiża gravi, il-qorti verament temmen li kien l-aġir tal-konvenut li prinċipalment wassal sabiex jitkisser żwieġ ieħor.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċiedi billi:-

**1.** Tiċħad l-appell tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

**2.** Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-4 ta' April 2019 billi:-

i. Tiddikjara li l-firda bejn Alexander u Ingrid Valenzia ma kinitx minħabba abbandun tar-raġel, u għalhekk tiċħad l-ewwel talba attriċi wkoll għal dak li jirrigwarda t-talba tal-attriċi sabiex il-qorti tiddikjara l-firda minħabba abbandun tal-konvenut.

ii. Is-somma ta' ħmistax-il elf ewro sitt mija u disgħa u sebgħin u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€15,679.48) li l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi bħala nofs ($^1/_2$) l-ispejjeż għall-perjodu minn Mejju 2009 sa Diċembru 2018, qiegħda titnaqqas għas-

somma ta' ħdax-il elf sitt mija u tmintax-il ewro u sebgħin ċenteżmu (€11,618.70). Tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma lill-attriċi.

iii. Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ddikjarat li mir-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali għandu jitħallas, *"j. Il-passiv skond l-iskrittura datata 12 ta' Ottubru 1995, permezz ta' liema l-ġenituri tal-attriċi silfu lill-kontendenti s-somma ta' Lm20,000 ossija €46,600"*, ovvjament salv u impreġudikat id-drittijiet li t-terzi jista' għandhom fil-konfront tal-partijiet f'din il-kawża.

iv. Tvarja dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn qalet li *"Il-konvenut għandu jpoġġi lura fil-komunjoni s-somma ta' Lm7,631.84 (€17,782.19) rappreżentanti flejjes imħallsa tul iż-żwieġ kontra self illi l-intimat kien ottjena għall-akkwist tal-proprjeta` ġewwa Buġibba"*, u minflok tiddikjara li s-somma hi ta' sbatax-il elf erba' mija u dsatax-il ewro (€17,419).

v. Tordna li l-konvenut jibqa' jħallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar flimkien ma' nofs ($^1/_2$) l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti sal-aħħar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).

**3.** Tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-konvenut u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

**4.** Spejjeż tal-appell tal-konvenut jinqasmu 75% a karigu tiegħu u 25% a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
rm